

Brussell, 4 ta' Mejju 2017
(OR. en)

8509/1/17
REV 1

PUBLIC 26
INF 81

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - DIĊEMBRU
2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispeġġazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi mwaqqfin minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument jinsab ukoll fis-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill f': [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊMEBRU 2016

It-3505 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret fi Brussell fl-1, it-2 u l-5 ta' Diċembru 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Armenja fir-rigward ta' materji li huma esklużivament fil-kompetenza tal-Unjoni	13833/16
Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegoza, f'isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet għal ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Armenja rigward materji li mhumiex fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni	13833/16

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tieħu nota tal-intenzjoni tal-Kunsill li jadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Armenja fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Fl-istess waqt, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, beħsiebhom jadottaw deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja f' isem l-Istati Membri dwar kwistjonijiet li ma jaqgħux fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Unjoni hija kompetenti li tinnegozja u tikkonkludi ftehimiet komprensivi fil-qasam tat-trasport bl-ajru, fil-partijiet kollha tagħhom. Hija tfakkar ukoll li, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti, kif jidher fil-kawża C-459/03 (il-punti 92 sa 95), l-eżistenza tal-kompetenza esterna tal-Unjoni, fil-prinċipju, mhix kontinġenti fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri ta' liġi sekondarja li jkopru l-qasam inkwistjoni.
3. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma taqbilx li l-Unjoni tista' tipparteċipa fin-negozjati "fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni" (Artikolu 1) biss, u lanqas li d-direttivi ta' negozjati dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, anki jekk hija biss kondiviża u għadha mhix eżerċitata, jistgħu b'xi mod "jaffettwaw" il-kompetenzi tal-Istati Membri (Artikolu 2).
4. Il-Kummissjoni tqis barra minn hekk li n-negozjar ta' ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru mill-Unjoni waħidha huwa l-aktar mod effettiv kif jintlaħqu l-oġettivi tal-Politika Komuni tat-Trasport, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament komuni li għandu jingħata fi ħdan l-Unjoni lil trasportaturi tal-ajru stabbiliti f'pajjiżi terzi u t-trattament komuni li għandu jingħata minn pajjiżi terzi lil trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.
5. Sabiex il-benefiċċji tal-ftehimiet internazzjonali dwar l-avjazzjoni jinħasdu mingħajr dewmien żejjed, dawn għandhom ikunu japplikaw kemm jista' jkun malajr wara li jiġu ffirmati. Il-prattika attwali turi li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'dawn il-ftehimiet tikkawża dewmien konsiderevoli fid-dħul fis-seħħ tagħhom, filwaqt li l-applikazzjoni proviżorja mhux dejjem tiġi żgurata f'dawn il-każijiet. Dan imur kontra l-interess tal-Unjoni. Id-dmir ta' kooperazzjoni sinċiera (Artikolu 4(3) TUE) jirrikjedi li l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri jagħmlu kull ma jistgħu biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Unjoni u biex iżommu lura minn kull miżura li taf ixxejjel il-kisba tal-oġettivi tat-Trattati.

6. Il-Kummissjoni barra minn hekk tikkunsidra li l-limitazzjoni ta' żmien tal-awtorizzazzjoni(jiet) mhix kompatibbli mat-Trattati, u b'mod partikolari mal-Artikolu 218(3) TFUE.
7. Il-Kummissjoni ħadha tal-fehma tagħha li – fin-nuqqas ta' abbozz ta' test f'dan l-istadju - l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE jipprovdi biżżejjed bażi legali għad-Deċiżjoni tal-Kunsill, bla ħtieġa ta' bażi legali sostantiva.
8. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li, jekk meħtieġ, tuża l-mezzi legali kollha disponibbli għaliha biex tiżgura li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja taqbel li tagħti mandat lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru mar-Repubblika tal-Armenja.

Madankollu, tagħti l-kunsens tagħha biss fuq bażi eċċezzjonali, fil-kuntest tal-paragrafu nru 29 tad-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Riga fil-21-22 ta' Mejju 2015. Dan ma għandux jinftehem bħala preċedent għall-ġoti ta' mandati futuri.

Il-Ġermanja hija tal-opinjoni li n-negozjati għandhom jiffukaw fuq il-ftehimiet li diġà ngħataw mandati għalihom. Id-deċiżjoni tal-Ġermanja dwar l-ġoti possibbli ta' aktar mandati ser tiddependi mill-progress li sar fin-negozjati msemmija hawn fuq. Iridu jiġu stabbiliti prioritajiet ċari sabiex jiġi evitat li jsiru wisq negozjati fl-istess ħin.

Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2145 tal-1 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli
ĠU L 333, 8.12.2016, p. 1–3

14148/16

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-paragrafu 2 tal-Artikolu 1a l-ġdid tar-Regolament Nru 1370/2013 jipprevedi rieżami regolari tal-livelli massimi ta' referenza, b'kont meħud ta' kriterji oġġettivi, b'mod partikolari l-iżviluppi fil-produzzjoni, l-ispejjeż tal-produzzjoni (b'mod partikolari l-prezzijiet tal-inputs), u x-xejriet tas-suq. Hija timpenja ruħha li tinforma lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami fl-2017.

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2112 tal-1 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/401/PESK dwar iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea ĠU L 327, 2.12.2016, p. 78–78		7754/16	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2143 tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp CARIFORUM-UE tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward it-twaqqif ta' Kumitat Speċjali għall-Agrikoltura u s-Sajd ĠU L 332, 7.12.2016, p. 18-21		10962/16	
It-3506 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji), li saret fi Brussell fis-6 ta’ Diċembru 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ĠU L 342, 16.12.2016, p. 1–3	13885/16	Unanimità	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-indirizzar tal-ostakli għall-investiment identifikati taħt it-Tielet Pilastru tal-Pjan ta' Investiment	14791/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2163 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banca d'Italia ĠU L 333, 8.12.2016, p. 72–72	14609/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2267 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann / il-Bank Ċentrali tal-Irlanda ĠU L 342, 16.12.2016, p. 32–33	14550/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2265 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2007/884/KE li tawtorizza lir-Renju Unit sabiex ikompli japplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 169 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 342, 16.12.2016, p. 28-29	13143/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2266 tas-6 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku pprovdut lill-istazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi ĠU L 342, 16.12.2016, p. 30–31	14122/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 92/83/KEE	14722/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)	15276/16
Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bini ta' sistema tat-taxxa korporattiva ġusta, kompetittiva u stabbli għall-UE Konklużjonijiet tal-Kunsill	15315/16

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2016 "Is-sistema tal-Kummissjoni għall-kejl tal-prestazzjoni fir-rigward tal-introjt tal-bdiewa hija mfassla tajjeb u bbażata fuq data soda?"	15300/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-immaniġġjar tar-riskju doganali	14894/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2232 tal-6 ta' Ġunju 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra ĠU L 248, 13.12.2016, p. 1–2	12501/16
Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kuba, min-naħa l-oħra ĠU L 248, 13.12.2016, p. 3–40	12504/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2233 tas-6 ta' Diċembru 2016 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 96/697/PESK dwar Kuba ĠU L 248, 13.12.2016, p. 41–41	12509/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana	15283/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2144 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 332, 7.12.2016, p. 22–24	12578/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2137 tas-6 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 332, 7.12.2016, p. 3–6	12580/16

It-3507 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) li saret fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1–31	34/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: DK, LT, HU, AT, PL, RO Astensjoni: HR
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Rieżami ta' Emissjonijiet tal-Metan Il-Kummissjoni tikkunsidra li hemm każ qawwi tal-kwalità tal-arja biex l-iżvilupp tal-emissjonijiet tal-metan fl-Istati Membri jinżamm taħt eżami bil-għan li jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet tal-ożonu fl-UE u biex jiġi promoss internazzjonalment it-tnaqqis tal-metan. Il-Kummissjoni tikkonferma li abbażi tal-emissjonijiet nazzjonali rrapportati, biħsiebha tkompli tivvaluta l-impatt tal-emissjonijiet tal-metan fuq il-ksib tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 tad-Direttiva NEC u ser tikkunsidra miżuri biex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet, u fejn adatt, tressaq proposta leġiżlattiva għal dak l-għan. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ser tqis għadd ta' studji li għadhom għaddejjin f'dan il-qasam, li mistennija li jiġu ffinalizzati fl-2017, kif ukoll aktar żviluppi internazzjonali f'dan il-qasam.			

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ssostni li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), subparagrafu 2, punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir biss f'każ ta' ħtieġa speċifika li wiehded jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Meta wiehded iqis li r-rikors għas-subparagrafu 2, punt b) huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 5(4), dan ma jistax jitqies sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda jrid jiġi interpretat b'mod ristrettiv u għaldaqstant irid jiġi ġustifikat.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija

L-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija jappoġġaw l-għan li tittejjeb il-kwalità tal-arja u b'hekk jiġu protetti kemm is-saħħa tal-bniedem kif ukoll l-ambjent. Madankollu nixtiequ nesprimu t-tħassib tagħna kemm dwar il-metodu użat biex jinqasam il-piż fost l-Istati Membri rigward il-miri skont din id-Direttiva kif ukoll dwar il-proċedura biex jintlaħaq il-qbil fil-Kunsill u mal-Parlament Ewropew. Jiddispijja li d-distribuzzjoni ta' miri fost l-Istati Membri meta mqabbel ma' sitwazzjoni komparabbli għet stabbilita b'mod arbitrarju meta mqabblin ma' xulxin, b'mod mhux trasparenti u sproporzjonat. Nesprimu n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħna li l-metodu li permezz tiegħu ġew stabbiliti l-miri ta' tnaqqis rispettivi ma ġiex ippreżentat jew spjegat biżżejjed lill-Istati Membri meta ttieħdet id-deċiżjoni jew minn dak iż-żmien lil hawn.

Inqis li l-istabbiliment tal-miri skont din id-Direttiva seta' sar mingħajr ma jiġu injorati l-prinċipji bażiċi tal-kooperazzjoni fl-UE: il-proporzjonalità, kooperazzjoni leali u t-trattament ugwali tal-Istati Membri. Konvinti li s-solidarjetà fost l-Istati Membri fil-Kunsill hija pedament kruċjali matul il-proċess kollu tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Huwa partikolarment importanti li l-vot b'maġġoranza kwalifikata, b'mod partikolari fil-każ ta' obbligi speċifiċi għall-pajjiżi, ma jintużax b'mod li jpoġġi piż mhux ġustifikat u mhux aċċettabbli fuq xi Stati Membri li ma jkunux parti minn maġġoranza kwalifikata.

Għal darb' oħra nesprimu t-tħassib tagħna li dan il-mod ta' negozjar jista' joħloq preċedent negattiv għal negozjati futuri fil-Kunsill. Aħna ferm konvinti li n-negozjati kollha għandhom ikunu kompletament trasparenti u jwasslu għal eżitu li jkun proporzjonat u ġust għall-Istati Membri kollha. Fil-futur l-atti legali b'obbligi speċifiċi għall-pajjiżi m'għandhomx jiġu adottati mingħajr ma tiġi ppreżentata spjegazzjoni adegwata u f'waqtha u mingħajr diskussjonijiet sostantivi mal-Istati Membri kollha.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija jesprimu d-dispijja kbira tagħhom dwar il-kompromess finali dwar id-Direttiva NEC rigward il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u ser jivvotaw kontra l-adozzjoni tagħha.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Il-Kroazja tilqa' l-isforzi kollha li saru biex jintlaħaq kompromess dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi u li temenda d-Direttiva 2003/35/KE bil-ħsieb li l-ambjent jitjieb b'mod sinifikanti u jitnaqqsu l-effetti negattivi tat-tniġġis tal-arja fuq is-saħħa.

Madankollu, minħabba r-reviżjoni tal-bilanċ tal-Enerġija u l-inċertezza tal-effetti tagħha fuq il-projezzjonijiet, il-Kroazja attwalment qed tiffinalizza l-analiżi nazzjonali. Għalhekk, il-Kroazja tkompli tesprimi riżervi rigward il-proposta ta' kompromess tad-Direttiva NEC.

Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37–85	35/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Deċiżjoni (UE) 2016/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li ttipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan ĠU L 352, 23.12.2016, p. 18–25	45/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni

Fid-dawl tal-isfidi fiskali u ċ-ċirkustanzi straordinari li qiegħed jiffaċċja l-Ġordan minħabba li qiegħed jospita iktar minn 1,3 miljun Sirjan, fl-2017 il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, ser tippreżenta proposta għida biex testendi u żżid l-AMF lill-Ġordan, malli titlesta b'suċċess it-tieni AMF u dment li jiġu sodisfatti l-prekondizzjonijiet tas-soltu għal dan it-tip ta' assistenza, inkluż valutazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ġordan. Din l-għajnuna kritika għall-Ġordan tgħin lill-pajjiż iżomm l-istabbiltà makroekonomika filwaqt li jżomm ukoll il-gwadanji fl-iżvilupp u jkompli bl-aġenda tar-riforma tal-pajjiż.

Regolament (UE) 2016/2339 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fir-rigward ta' merkanzija li tkun telqet temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni bil-baħar jew bl-ajru ĠU L 354, 23.12.2016, p. 32–34	50/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/2340 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni għal dak li jirrigwarda d-data ta' applikazzjoni tiegħu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 354, 23.12.2016, p. 35–36	51/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĖISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċellerar tal-Proċess ta' Integrazzjoni tar-Rom		15406/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa u l-Faqar		15409/16	
Dikjarazzjoni mill-Polonja Rigward il-paragrafu 18, 19, 31 u l-Anness I: Fir-rigward ta' ħidma futura possibbli fil-Kunsill dwar oqsma kritiċi ta' tħassib taħt il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Polonja tafferma d-dritt tagħha li topponi l-iżvilupp ta' indikaturi li jistgħu joħolqu xi obbligu kif ukoll piż amministrattiv u finanzjarju addizzjonali. Għalhekk, il-Polonja tixtieq tenfasizza l-livell baxx ta' affidabbiltà tal-indikaturi proposti, li jirriżulta mill-iskala żgħira tal-fenomeni u għadd żgħir ta' migranti fil-kampjun u l-metodoloġija li ġiet applikata għar-riċerka (abbażi tal-EU-SILC u l-LFS).			
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ		15410/16	

It-3508 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni), li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Diċembru 2016**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/479 tat-8 ta' Diċembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020 ĠU L 75, 21.3.2017, p. 1–2	13712/16
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020 ĠU L 75, 21.3.2017, p. 3–11	13711/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna tal-UE fil-Balkani tal-Punent, inkluż permezz tal-Governanza Integrattiva tas-Sigurtà Interna (IISG)	15413/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ambjentali	15412/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2311 tal-8 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 345, 20.12.2016, p. 53–55	12326/16
Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawn l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2312 tat-8 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Perù mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 345, 20.12.2016, p. 56–58	12327/16
Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Rumanija jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Perù mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2313 tat-8 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ĠU L 345, 20.12.2016, p. 59–61	12328/16
Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna. Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, konsegwentement jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali	15349/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta l-Istati Membri dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fl-UE	14480/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/2353 tat-8 ta' Diċembru 2016 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ĠU L 348, 21.12.2016, p. 27–29	14730/16
Proċedura bil-miktub konklufa fl-8 ta' Diċembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2217 tat-8 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ĠU L 334, 9.12.2016, p. 35–39	15036/1/16 REV 1

It-3509 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd), li saret fi Brussell fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2016**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2285 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jiffissa għall-2017 u l-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 ĠU L 344, 17.12.2016, p. 32–45	14623/16
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni dwar stokkijiet li għalihom f'it hemm data Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li n-nuqqas ta' data affidabbli jxekkel il-parir dwar l-istokkijiet tal-ħut. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jħeġġu bil-qawwa lill-Istati Membri rilevanti biex itejbu l-ġbir u l-analiżi ta' data li għandha tiġi trasmessa lill-korpi xjentifiċi rilevanti sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd rilevanti.	
Dikjarazzjoni minn Spanja u l-Portugall dwar il-ġbir ta' data għall-paġella ħamra fiż-żoni rilevanti tas-CECAF u l-GFCM L-ICES indika li t-TAC attwali għall-paġella ħamra ma tillimitax is-sajd kollu għax tapplika biss għas-subżona IX. Qabdiet minn dan l-istokk li jinqabdu fiż-żoni biswit mhumex regolati mit-TAC attwali. Bil-ħsieb li tittejjeb il-ġestjoni tal-paġella ħamra fis-subżona IX kif ukoll li tittejjeb il-valutazzjoni xjentifika tal-istokk, Spanja u l-Portugall ser ikomplu jikkooperaw fuq il-ġbir tad-data billi jipprovdu lill-Kummissjoni d-data tal-qabdiet tagħhom għal dawn l-aħħar għaxar snin fiż-żoni rilevanti tas-CECAF u l-GFCM qabel l-1 ta' April 2017. Din l-informazzjoni ser tiġi indirizzata lill-Kummissjoni u mgħoddija lill-ICES mill-Kummissjoni b'talba għal parir xjentifiku aġġornat, għaż-żona kollha ta' distribuzzjoni tal-istokk u l-unitajiet tagħha kif definit mill-ICES.	

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Portugall dwar il-paġella ħamra fiż-żona X

Il-Kummissjoni u l-Portugall jieħdu nota tal-fatt li t-TAC għall-paġella ħamra fiż-żona X għall-2017 u l-2018 hija stabbilita filwaqt li l-ICES mistenni jirrevedi l-parir tiegħu għal dan l-istokk fil-bidu tal-2017. Wara kwalunkwe tali reviżjoni, il-Kummissjoni, fejn xieraq, ser tipproponi TAC riveduta għall-2017 u l-2018, f'konformità mal-parir xjentifiku. Il-Portugall ser jappoġġa reviżjoni tat-TAC, f'konformità mal-parir xjentifiku, anke jekk dan jirriżulta fi tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni u minn Spanja, Franza u l-Portugall dwar id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-paġella ħamra (iż-żoni kollha)

L-Istati Membri kkonċernati jaqblu li jappoġġaw l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 33 cm għall-paġella ħamra għall-istokkijiet kollha.

Dikjarazzjoni mill-Portugall dwar is-sajd għaċ-ċinturin iswed permezz ta' konzijiet

Il-Portugall ser jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni għas-sajd għaċ-ċinturin iswed permezz ta' konzijiet. Il-pjan ser jinkludi titjib għas-selettività ta' qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar tal-fond.

Dikjarazzjoni mill-Portugall dwar iċ-ċinturin iswed f'diversi żoni inkluż iż-żona IX

Meta wieħed iqis it-tendenza pożittiva fl-indiċi tal-abbundanza taċ-ċinturin iswed fiż-żoni inkluż iż-żona IX tal-ICES kif ippreżentat matul l-aħħar parir tal-ICES, il-Portugall jappella lill-Kummissjoni biex titlob lill-ICES għal rieżami ta' nofs it-terminu tal-istat tar-riżorsa u reviżjoni possibbli tat-TACs.

Il-Portugall huwa impenjat li jforni data xjentifika biex jappoġġa r-reviżjoni msemmija mill-ICES u mill-Kummissjoni.

Dikjarazzjoni minn Spanja rigward il-premessa 11

Ir-Renju ta' Spanja jixtieq jesprimi t-tfassib tiegħu dwar il-formulazzjoni tal-premessa 11 tal-proposta, li tista' tinftiehem bħala li tfisser li l-qabdiet ta' grenadier imnieħru tond ġew irrappurtati b'mod żbaljat bħala qabdiet ta' grenadier rasu raffa, u li jistgħu jittieħdu miżuri restrittivi abbażi ta' din il-possibbiltà.

Nixtiequ nenfasizzaw il-konvinzjoni tagħna li l-attività tas-sajd imwettqa seħħet fi ħdan il-parametri ta' użu legali tal-opportunitajiet tas-sajd u fir-rispett tal-prinċipju tas-sostenibbiltà tar-riżorsi.

Inħossu li huma preċiżament tali ineżattezzi bħal dawk li jinsabu f'din il-premessa li wasslu għal din is-sitwazzjoni kkomplicata fejn ġiet inkluża speċi li fir-rigward tagħha ma huwa disponibbli ebda parir, li l-inklużjoni tagħha hija diffiċli ħafna li tiġi ġġustifikata, u b'żieda fil-kwota li hija mqassma u kkalkulata ħażin ħafna. Nixtiequ wkoll li nfakkru li din il-kwistjoni hija sub judice.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni minn Spanja – EGF/2016/004 ES/Comunidad Valenciana automotive)	14709/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2354 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fis-Sottokomitat Sanitarju u Fitosanitarju stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-modifika tal-Anness XI-B ta' dak il-Ftehim ĠU L 348, 21.12.2016, p. 30–55	13577/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2355 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' arbitri ĠU L 348, 21.12.2016, p. 56–59	13579/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u l-indirizzar ta' Prattiki kummerċjali inġusti	15508/16

It-3510 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin), li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel	14964/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	15434/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2342 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 348, 21.12.2016, p. 1–2	13079/14
Protokoll għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Vjetnam min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 348, 21.12.2016, p. 3–6	13078/14
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/43 tat-12 ta' Diċembru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġornament tal-Annessi XXI-A sa XXI-P dwar l-approssimazzjoni regolatorja fil-qasam tal-akkwist pubbliku ĠU L 6, 11.1.2017, p. 2–35	14373/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2238 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia ĠU L 337, 13.12.2016, p. 15-15	13557/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2239 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja ĠU L 337, 13.12.2016, p. 16-17	13846/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 7-14	14481/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2230 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 1–6	14489/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni minn Spanja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-fruntieri esterni (Port ta' Algeciras)	15144/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Lussemburgu dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	15147/16

Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-12 sal-15 ta' Diċembru 2016)

ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 ĠU L 354, 23.12.2016, p. 1–19	11625/1/16 REV 1 (15525/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2012/34/UE fir-rigward tal-ftuħ tas-suq tas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija u l-governanza tal-infrastruttura ferrovjarja (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1–17	11199/1/16 REV1 (15519/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Regolament (UE) 2016/2338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1370/2007 fir-rigward tal-ftuħ tas-suq għas-servizzi tat-trasport domestiku tal-passiġġieri bil-ferrovija (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 354, 23.12.2016, p. 22-31	11198/1/16 REV1 (15518/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Regolament (UE) 2016/2337 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 tal-Kunsill dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferrovija (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 354, 23.12.2016, p. 20-21	11197/1/16 REV1 (15517/16)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

It-3511-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali), li saret fi Brussell fit-13 ta' Diċembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Rapport Speċjali Nru 22/2016 — "Programmi ta' għajnuna tal-UE għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, fil-Bulgarija u s-Slovakkja: seħħ xi progress mill-2011 'il hawn, iżda sfidi kruċjali huma mistennija fil-ġejjieni" ĠU C 345, 21.9.2016, p. 10–10	15534/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq uniku mkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE	15101/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tkabbir u Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni	15370/16
Proċedura bil-miktub konklużi fid-19 ta' Diċembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2315 tad-19 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina ĠU L 345, 20.12.2016, p. 65–65	15000/16

It-3512-il laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ambjent), li saret fi Brussell fid-19 ta' Diċembru 2016

ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)	10755/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: AT
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, il-Greċja, id-Danimarka, il-Lussemburgu, Malta, ir-Repubblika Ċeka, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Iżvezja, il-Finlandja, l-Irlanda u r-Renju Unit			
Ninnutaw li t-termini 'organiżmu ta' ħsara' u 'pest' jirreferu għall-istess kunċett fl-atti legali tal-UE, u jintużaw b'mod ekwivalenti.			
Raġunament:			
Fid-dawl tal-fatt li l-atti legali eżistenti tal-Kummissjoni u r-Regolamenti u d-Direttivi tal-Kunsill (eż. id-Direttiva tal-Kunsill 93/85/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/138/UE) jużaw ukoll it-terminu 'organiżmu ta' ħsara' bl-istess tifsira u b'mod ekwivalenti, il-fatt li t-termini 'pest' u 'organiżmu ta' ħsara' huma sinonimi għandu jiġi enfasizzat b'mod ċar, sabiex tkun prekluziva kwalunkwe inċertezza fl-applikazzjoni tal-atti legali eżistenti tal-UE u r-Regolament il-ġdid tal-UE dwar is-Saħħa tal-Pjanti u r-Regolament il-ġdid dwar il-Kontrolli Uffiċjali.			

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/3 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aċċess reċiproku għas-sajd fi Skagerrak għal bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka, tan-Norveġja u tal-Iżvezja ĠU L 2, 5.1.2017, p. 1-2	10711/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2372 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed ĠU L 352, 23.12.2016, p. 26-30	15260/16
Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li sabiex jiġu indirizzati r-rappurtar ħażin u s-sajd IUU għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll u monitoraġġ stabbiliti sa mill-2012 għandha ttejjeb aktar kif stipulat fid-dikjarazzjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija. L-Istati Membri rilevanti għandhom jiddedikaw l-isforzi u r-riżorsi meħtieġa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet sistemiċi fis-sistemi ta' kontroll tagħhom u biex jiżguraw l-effettività tal-miżuri li ġew deċiżi. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri flimkien ma' analiżi tal-effiċjenza tagħhom qabel il-15 ta' Settembru 2017, fid-dawl ta' kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni. Barra minn hekk, l-UE ser tfittex li tiżgura li l-GFCM tagħti attenzjoni partikolari għall-konformità sħiħa tal-Membri tagħha u tal-Kooperaturi mhux Membri tal-GFCM biex jimplimentaw l-azzjonijiet stabbiliti fil-pjan direzzjonali għall-ġlieda kontra l-IUU fil-Baħar l-Iswed kif adottat fl-2013 u biex jimplimentaw l-istrateġija ta' nofs it-terminu 2017-2020 adottata mill-GFCM fl-2016.	

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija u mir-Rumanija

Il-Bulgarija u r-Rumanija, fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi għall-2017 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed, wara li qiesu l-iżvilupp tal-istokkijiet kif enfasizzat fil-grupp sottoreġjonali tal-GFCM dwar il-valutazzjoni tal-istokk fil-Baħar l-Iswed, u filwaqt li għarfu l-importanza li tkompli l-implimentazzjoni ta' sistema tajba ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza biex l-użu tar-riżorsi tas-sajd tal-baħar ikun sostenibbli fil-Baħar l-Iswed, jieħdu impenn lejn dan li ġej:

Ġenerali

Li qabel tmiem l-2017 jimplimentaw kwalunkwe azzjoni pendenti tad-dispożizzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni tas-16 ta' Diċembru 2014, li jaħdmu mal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-għanijiet tad-Dikjarazzjoni tal-Konferenza ta' Livell Għoli ta' Bucharest adottata reċentement għal kooperazzjoni aħjar fis-sajd ⁽¹⁾ u l-azzjonijiet previsti għall-Baħar l-Iswed fl-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-GFCM (2017-2020) għas-sostenibbiltà tas-sajd tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed.

Barbun imperjali

Li jsegwu u jkomplu jimplimentaw

- li l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-barbun imperjali u l-allokazzjoni minima għal kull dgħajsa jinżammu fil-livelli tal-2016,
- li jinżamm fil-livelli tal-2016 l-għadd rispettiv tagħhom ta' portijiet magħżula għall-ħatt l-art (7 għall-Bulgarija u 10 għar-Rumanija) sabiex jiġi simplifikat il-kontroll tal-ħatt,
- li titkompla l-politika stretta adottata fl-2016 għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inkluż dawk ta' anqas minn 50kg, fil-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt u n-noti tal-bejgħ korrispondenti tal-bastimenti awtorizzati kollha,
- li l-għadd ta' spezzjonijiet tas-suq u fuq il-baħar jiżdied b'20% meta mqabbel mal-2016, inkluż matul l-istaġun magħluq, abbażi ta' metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u skeda ta' żmien maqbula mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA),
- li jiżdiedu b'20% l-azzjonijiet konġunti ta' spezzjoni taħt il-koordinazzjoni tal-EFCA, inkluż kontrolli fuq il-baħar, waqt il-ħatt l-art, fis-swieq kif ukoll il-monitoraġġ tat-trasport tal-ħut bit-triq,

- li jiġi stabbilit proġett pilota matul l-2017 għall-valutazzjoni tal-qbid skartat fis-sajd għar-Rapana venosa, sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq il-barbun imperjali u l-mazzola ta' età żgħira,
- li jiġi żgurat li l-irkaptu passiv jiġi mmarkat u identifikat tajjeb skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u li jittieħdu l-azzjonijiet ta' segwitu meħtieġa kollha,
- li jittieħdu azzjonijiet ġodda ta' sensibilizzazzjoni għall-pubbliku biex jinfurmawh dwar il-kondizzjonijiet tekniċi u l-istaġun magħluq li japplikaw għall-attivitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali,
- li jaħdmu mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2016/6, it-tnejn possibbli għal proposta għal pjan pluriennali tal-GFCM għall-barbun imperjali kif ukoll kwalunkwe miżura oħra meqjusa meħtieġa biex tindirizza r-rappurtar ħażin, is-sajd IUU għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed u l-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet illegali li jsiru fir-reġjun.

Mazzola griża

Li jsegwu u jkomplu jimplimentaw

- li fl-2017 jillimitaw il-qabdiet rispettivi tagħhom tal-mazzola griża għal-livell tal-qabdiet tagħhom tal-2015, u li kull tliet xhur jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħuda biex jintlaħaq dan l-oġettiv,
- li jnaqqsu l-livell ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-2016 b'10% għall-mazzola griża,
- li jkomplu jimplimentaw il-politika stretta adottata fl-2016 għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inkluż dawk ta' anqas minn 50 kg, fil-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt u n-noti tal-bejgħ korrispondenti tal-bastimenti awtorizzati kollha kif ukoll bastimenti b'qabdiet aċċessorji tal-mazzola

⁽¹⁾ Ara <http://www.fao.org/gfcm/meetings/blackseaconference2016/en/>.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar studju tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tal-ispejjeż tal-pensjonijiet	14834/16
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1–6	14601/16
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/2390 tal-19 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 360, 30.12.2016, p. 14–272	14843/16
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/2389 tal-19 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 360, 30.12.2016, p. 1–13	14842/16
Dikjarazzjoni minn Spanja Rigward il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali (ST 14596/16 + ADD 1), Spanja tivvota kontra l-proposta msemmija għar-raġunijiet li ġejjin: Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (2011/C 363/02) ma tappoġġax l-approvazzjoni ta' kwota tariffarja fil-kuntest ta' produzzjoni żejda. Minkejja dan, il-proposta tinkludi kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2716 għal fibri staple tar-rejon vizkuż (ex 5504100020) li fir-rigward tagħhom hemm biżżejjed produzzjoni fl-UE. Spanja temmen li l-ġhoti ta' tali kwota tariffarja jintroduċi inċertezza legali, jistabbilixxi preċedent ħażin għal talbiet futuri u jipperikola investiment Spanjoli reċenti.	

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Skambju Msaħħaħ ta' Informazzjoni Relatata mad-Dwana	14220/6/16 REV 6
Dikjarazzjoni min-Netherlands, li magħha ngħaqdu Spanja u d-Danimarka Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar skambju msaħħaħ ta' informazzjoni relatata mad-Dwana jitrattaw il-ħtieġa li jkompli jiġi żviluppat approċċ speċifiku għall-pajjiż, il-ħtieġa ta' bażi legali trasparenti u soda u l-ħtieġa li ssir ħidma fuq l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT. Il-konklużjonijiet jappellaw lill-Kummissjoni biex tikkunsidra proposti għal qafas ta' politika u fejn meħtieġ leġislazzjoni tal-Unjoni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi. B'kont meħud ta' dan, In-Netherlands jisħqu li għandu jittieħed kont tal-elementi li ġejjin meta jittqies is-segwitu ta' dawn il-konklużjonijiet: 1. Spejjeż relatati mal-IT, l-ippjanar u l-prijoritizzazzjoni anke b'rabta ma' proġetti oħra tal-IT relatati mad-dwana; 2. Modi differenti ta' skambju ta' informazzjoni fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri, sabiex jiġu esplorati u ffaċilitati aktar passi fil-kisba ta' kunċetti aktar proattivi u innovattivi għall-iskambju sistematiku tal-informazzjoni ma' pajjiżi terzi.	
Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12–35	13656/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2314 tal-19 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) ĠU L 345, 20.12.2016, p. 62–64	14290/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2356 tad-19 ta' Diċembru 2016 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjon tagħhom ĠU L 348, 21.12.2016, p. 60–71	14319/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-assistenza tal-UE għat-tiżni tal-amministrazzjoni pubblika fir-Repubblika tal-Moldova	15676/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI: Evalwazzjoni tal-Kroazja rigward l-iskambju awtomatizzat tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi	15190/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi	15673/16
Proċeduri bil-miktub konklużi fil-21 ta' Diċembru 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2382 tal-21 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/189/PESK ĠU L 352, 23.12.2016, p. 60–73	13326/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2383 tal-21 ta' Diċembru 2016 dwar l-appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika fl-oqsma tas-sigurtà nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 352, 23.12.2016, p. 74–91	14958/16

Proċeduri bil-miktub konklużi fil-22 ta' Diċembru 2016**ATTI MHUX LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2384 tat-22 ta' Diċembru 2016 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136 ĠU L 352, 23.12.2016, p. 92–93	14534/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2373 tat-22 ta' Diċembru 2016 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1127 ĠU L 352, 23.12.2016, p. 31–32	14537/16